MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2011

Appell Kriminali Numru. 43/2008

**Il-Pulizija**
**(Spt. A. Caruana)**
**(Spt. F. Micallef)**
**Vs**
**Richard (sive Rachela) Spiteri**
**Natal Bonello**

Il-Qorti,

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati deciza fit-6 ta' Frar, 2008.

Rat ir-rikorsi tal-appell tat-18 ta' Frar, 2008.

Rat il-verbal tas-17 ta' Settembru, 2008, li bih il-Qorti tal-Appell Kriminali gibdet l-attenzjoni tal-partijiet dwar xi nuqqasijiet fir-rikors tal-appell illi setghu wasslu ghan-nullita` tal-istess rikors.

Rat il-verbal tad-29 ta' Settembru, 2008 fejn spjegat illi n-nuqqas kien indirizzat ghal fatt illi ntalbet ir-revoka flok riforma.

Rat ir-rikors tal-appellanti tat-30 ta' Settembru, 2008 fejn talbu li tigi sospiza l-prolazzjoni tas-sentenza kif wkoll li jinghataw zmien biex jaghmlu kawza Kostituzzjonali quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tat-30 ta' Settembru, 2008 fejn laqghet it-talba w kkoncediet gimgha sabiex isir tali rikors.

Rat ir-rikors Kostituzzjonali tas-6 ta' Ottubru, 2008 u s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili [Sede Kostituzzjonali] tas-27 ta' Frar, 2009 fejn cahdet it-talba tal-appellanti.

Rat illi minn din id-decizjoni l-appellanti ghamlu appell quddiem il-Qorti Kostituzzjonali.

Rat is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tad-9 ta' Marzu, 2010 fejn l-appell gie milqugh u gie ordnat lill-Qorti tal-Appell Kriminali tikkonsidra l-meritu fl-isfond tar-rikors tal-appellanti tat-18 ta' Frar, 2008.

Ikkunsidrat :

Illi l-fatti ta' dini l-kawza gew esposti tajjeb mill-Qorti tal-Magistrati u din il-Qorti sejra tirriproducihom u cioe` illi fil-21 ta' Mejju, 2004 ghall-habta ta' 5.50 p.m. certu Carmelo Gialanze` rraporta fl-ghassa ta' tas-Sliema illi waqt li kien ghaddej minn Imrabat Street fil-karozza tieghu kellu envelope illi kien fih xi LM 7700. Waqaf biex jixtri. Meta hareg u rega` dahal fil-karozza saq ftit u gie ghall-stop sign. Ra persuna thabbatlu mal-hgiega w qaltlu biex ma jsuqx ghax ghandu qattusa taht il-karozza, mbaghad wara ftit ra lill-istess persuna b'qattusa f'idejha izda baqghet thabbatlu u qaltlu li kellu qattusa ohra. Fetah il-bieba tal-karozza, nizel minnha u ttawwal taht l-istess karozza. Sadanitant ra persuna ohra li dak il-hin ukoll hasibha mara mal-bieba tan-naha tax-xufier u Gialanze` qal li halliha miftuha. Nizel biex jara kienx hemm xi qattusa taht il-

karozza. X'hin qam sab il-persuna li kienet in-naha tax-xufier warajh. X'hin ghadda dik il-persuna qalet lill-iehor *"ejja mmorru"*. Carmelo Gialanze` ma rax qtates, rikeb fil-karozza, ghalaq il-bieb u saq u hawnhekk induna illi l-envelope bil-flus li kellu fuq is-seat tal-karozza kien nieqes. Mar l-ghassa u ghamel rapport dwar din is-serqa w semma liz-zewg tfajliet. Il-Pulizija ghamlu l-istharrig taghhom fil-hanut fejn mar jixtri s-sigaretti Carmelo Gialanze`. Persuna kienet qalet lil Gialanze` li dawk ma kienux tfajliet u l-Pulizija evidentement arrestathom.

Huma ghamlu stqarrijiet fejn cahdu li serqu l-flus pero` kkonfermaw li kienu prezenti hdejn il-karozza tal-parti leza dak il-hin li nqala` l-incident tal-qtates.

Natal qal li kien hu li beda jhabbat mat-tieqa biex ma jsuqx imhabba l-qattusa.

Richard sive Rachela beda jghid li hu ma resaqx lejn il-karozza. Irrizulta wkoll illi meta x-xhud mar biex jixtri fil-hanut is-sigaretti, z-zewg appellanti kienu fil-hanut dak il-hin.

Id-difiza argumentat illi l-Pulizija ma ppruvatx il-kaz taghha.

Il-Qorti tal-Magistrati qalet illi s-serqa saret mill-appellanti *"in a blink of an eye"* u argumentat illi ma kienx verosimili li l-parti leza Gialanze` sejjer jidhol fil-hanut b'envelope bil-flus f'idejha, tidhol fil-karozza, tohrogx mill-karozza w thalli dan l-envelope fuq is-seat f'presenza ta' zewg persuni illi ma kienx jafhom. Filwaqt illi kien minnu li l-appellanti gibdu l-attenzjoni ta' Gialanze` illi kien hemm qattus taht ir-rota tal-karozza, b'daqshekk ma jfissirx illi riedu jaljenawh u jehdulhu l-flus. Is-serqa lanqas biss saret u lanqas ma gie ppruvat li l-envelope kien fih xi flus. Se mai l-provi kienu jwasslu ghall-livel ta' probabilita` izda dana ma kienx bizzejjed fil-kamp kriminali biex twassal ghall-htija minghajr dubju dettat mir-raguni.

Minn naha l-ohra l-Avukat Generali argumenta illi ma kienitx il-kompetenza tal-Qorti tal-Appell illi tirrimpjazza d-

deskrizzjoni tal-Ewwel Qorti imma biss biex tezamina l-provi u tara jekk l-Ewwel Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha.

Vera wkoll li l-Ewwel Qorti waslet ghall-konkluzzjoni taghha fuq prova cirkostanzjali. Dina tista` tkun bizzejjed sabiex tirredigi htija jekk jirrizulta illi dik il-prova twassal ghall-konkluzzjoni wahda.

Ikkunsidrat :

Mill-fatti fuq esposti johrog car illi l-appellanti kienu prezenti madwar il-karozza tal-parti leza meta gie nieqes l-envelope bil-flus.

Din il-Qorti bhal l-Ewwel Qorti ma ssib l-ebda raguni l-ghala ghandha tiddubita` mix-xiehda ta' Carmelo Gialanze`, l-parti leza, meta qal illi fl-envelope kien hemm madwar LM 7700.

L-appellanti nneggaw kwalukwu konvolgiment taghhom f'din is-serqa, ghad illi ma nneggawx illi huma kien vicin Gialanze` meta saret is-serqa.

Giet eskluza l-possibilita` li seta` kien hemm haddiehor vicin il-karozza ta' Gialanze` meta twettqet is-serqa.

Kwindi dan il-kaz jintrabat fuq kemm hija soda l-prova cirkostanzjali illi twassal ghall-htija tal-appellanti.

Jibda biex jinghad li fin-nuqqas ta' provi diretta w xhieda okolari u xhieda cirkostanzjali jassumu importanza specjali sabiex jindikaw htija o meno ta' persuna li tkun addebitata b'reat.

Ovvjament hadd mhu sejjer jirreklama l-kommissjoni ta' reat u min jaghmel dan jipprova jaghmel minn kollox sabiex jghatti djulhu u ghalhekk il-prova cirkostanzjali tassumi importanza massima fil-konsiderazzjoni tal-kaz jekk twassal ghall-konkluzzjoni wahda w wahda biss.

Jekk jirrizultaw diversi pisti jew diversi konkluzzjonijiet, din il-prova cirkostanzjali ma tistax torbot u l-Qorti ma tistax toqghod fuqha sabiex twassal ghall-htija o meno ta' persuna.

F'dan il-kaz bhall-Ewwel Qorti din il-Qorti jidhrilha li l-prova cirkostanzjali cioe` s-serqa tal-envelope bil-flus u l-fatt li l-appellanti kienu madwar il-parti leza Carmelo Gialanze` propju fil-mument meta gie nieqes l-envelope jwassal lil din il-Qorti ghall-unika konkluzzjoni illi ma seta` kien hadd iktar hlief l-appellanti illi wettqu din is-serqa.

Terga` l-argumenti kollha illi qajjmu l-appellanti fl-istadju tal-appell gew imwiegba b'mod sodisfacenti mill-Ewwel Qorti fis-sentenza taghha.

Din il-Qorti dejjem irriteniet li ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Ta' dan ghandha l-konfort ta' decizjoni moghtija mill-Lord Chief Justice Widgery fil-kaz R. vs Cooper (1969) in konnessjoni mal-artikolu tal-Ligi Ingliza S2(1)(a) tal-Criminal Appeal Act 1968 fejn intqal *"…….assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an Appeal Court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learnt Magistrate), because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witness, whereas the Appeal Court normally determines the appeal on the basis of papers alone. However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution's evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the Court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, than, very exceptionally a conviction will be quashed."*

Lokalment hemm il-kawza "Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt" deciza mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta' Dicembru 1994 *"fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun ibbazat fuq l-*

*apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f'dan il-kaz, tara jekk, anki jekk ikun hemm verzjonijiet kontraditorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghet liberament u serenament tigi emnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat, u jekk tali verzjoni setghet tigi emnuta u evidentement giet emnuta …….. il-funzjoni anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament."*

Din il-Qorti ghamlet apprezzament approfondit tal-provi prodotti u qieset ukoll is-sentenza studjata w argumentata tal-Ewwel Qorti, fejn indirizzat l-ilmenti kollha tal-appellant kif ukoll l-argumenti tad-difiza in sostenn tat-tezi taghhom u ssib illi l-Ewwel Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni illi waslet ghaliha w ghalhekk mhux il-kaz li s-sentenza tigi disturbata.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti taqta` w tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------